DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/734

tal-25 ta' April 2017

li temenda d-Deċiżjoni 2013/184/PESK dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-22 ta' April 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/184/PESK [1] dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma.

(2) Fil-21 ta' April 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/627 [2] li ġġedded il-miżuri restrittivi sat-30 ta' April 2017.

(3) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2013/184/PESK, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġġeddu sat-30 ta' April 2018.

(4) Għalhekk, jeħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/184/PESK tiġi emendata kif adatt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2013/184/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' April 2018. Għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Għandha tiġi mġedda, jew emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' April 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
I. BORG

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK tat-22 ta' April 2013 dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma u li thassar id-Deċiżjoni 2010/232/PESK (ĠU L 111, 23.4.2013, p. 75).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/627 tal-21 ta' April 2016 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Myanmar/Burma (ĠU L 106, 22.4.2016, p. 23).